MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 1409/2010

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 28764M(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Dicembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew

gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assistalill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-24 ta’ Dicembru 2008, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

U aktar talli b’hekk sar recediv a terminu tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta’ Lulju 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel zewg akkuzi kif ukoll ghar-raba’ akkuza kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni li l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Joseph Scicluna hati biss tal-ewwel zewg u r-raba’ akkuzi, li a rigward l-ewwel u r-raba’ akkuza` bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) mil-lum, u a rigward it-tieni akkuza qeghda tikkundannah multa ta’ tlett mitt Ewro (€300), filwaqt li

tilliberah mit-tielet akkuza stante li kif xehdu Beatrice Fenech u l-imputat huwa qatt ma ha gurament kif trid il-ligi.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------